MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 922/2005

**Elmo Insurance bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Edna Galea**

**vs**

**Scharlo Attard**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 t'April 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn sebgha u tletin Liri Maltin u tlieta u tletin centezmi (Lm237.33), rapprezentanti danni kagionati f'incidenti awtomobilistiku tat-3 ta' Lulju 2004 f'Hal Balzan bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KLS 014 assikurata tas-socjeta' attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HOT 08 misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh unikament b'tort tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Jannar 2005 u dik kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax mid-data tat-28 ta’ Jannar 2005, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn sebgha u tletin Liri Maltin u tlieta u tletin centezmi (Lm237.33), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Jannar 2005 u dik kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------